



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12679/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0287(NLE)

POLCOM 119
COASI 152

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 472 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit fil-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 472 final.

Mehmuż: COM(2022) 472 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.9.2022
COM(2022) 472 final

2022/0287 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat għall-Kummerċ stabbilit fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat għall-Kummerċ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ("il-Ftehim") għandu l-għan li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment bejn il-Partijiet. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2019.

2.2. Il-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiżgura li l-Ftehim jopera kif suppost, jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, jippromwovi l-għanijiet ġenerali tiegħu, jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha, il-gruppi ta' ħidma u korpi oħrajn stabbiliti skont dan il-Ftehim, jikkunsidra modi biex itejjeb aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet, ifittex li jsolvi problemi li jistgħu jinqalgħu f'oqsma koperti minn dan il-Ftehim u jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess relatata ma' qasam kopert minn dan il-Ftehim. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' b'mod alternat fl-Unjoni jew f'Singapore kull sentejn jew b'talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkun kopresedut mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ u l-Ministru għall-Kummerċ u l-Industrija ta' Singapore, jew id-delegati rispettivi tagħhom. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod unanimu. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma kontinwament infurmati bil-funzjonament tal-Ftehim permezz tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ huma soġġetti għall-proċedura tal-Artikolu 218(9) TFUE.

2.3. L-att previst tal-Kumitat għall-Kummerċ

Skont l-Artikolu 16.1 il-paragrafu 4, il-punt (f) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta d-deċiżjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu ("l-att previst").

Il-konsultazzjonijiet dwar l-abbozz tar-Regoli ta' Proċedura ħadu żmien twil biex jintlaħaq konsensus, u kienu għadhom ma ġewx iffinalizzati sal-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ li saret fis-7 ta' Diċembru 2021.

L-għan tal-att previst huwa li jifformalizza l-funzjonament tal-Kumitat għall-Kummerċ.

L-att previst se jsir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 16.4, il-paragrafu 1 tal-Ftehim, li jipprevedi: li l-Partijiet jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Kummerċ jew f'kumitat speċjalizzat, meta jkun hekk previst fil-Ftehim. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu f'tali kumitat għandhom ikunu vinkolanti għall-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw dawk id-deċiżjonijiet.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Jenħtieġ li l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni jkollha l-mira li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ, kif previst fil-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Huwa jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa sede stabbilita fi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Singapore.

L-att li l-Kumitat għall-Kummerċ huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 16.4, il-paragrafu 1 tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Singapore.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li tiġi adottata pożizzjoni f’isem l-Unjoni fir-rigward tiegħu. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(4) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Huwa previst li d-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ tiġi ppubblikata ladarba tiġi adottata.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1) u 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/1875² u daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2019.
- (2) Skont il-punt (f) tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 16.1 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ("il-Kumitat għall-Kummerċ") jista' jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.
- (3) Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat għall-Kummerċ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.
- (4) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat għall-Kummerċ, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

² ĠU L 294, 14.11.2019, p. 3-755.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President